CONFERENTIA
EPISCOPALIS
MELITENSIS

**Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku**

24 ta' Ottubru 2024

**Rikors 265/2024 - Parroċċa Ħal Luqa**
**Restawr Ġilandra ta' Corpus Christi**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK tapprova dan il-proġett ta' restawr u titlob li jiġi ngaġġat konservatur b' warrant li jirrevedi r-rapport sottomess, jagħti direzzjoni dwar kif għandha tkompli l-proċedura, jgħamel monitoraġġ fuq ix-xogħlijiet kif ukoll għandu jissorvelja u jiffirma li x-xogħlijiet saru tajjeb, konformi ma' Artiklu 56(2) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku, Kurja tal-Arċisqof, P.O. Box 1, Il-Furjana FRN 1520, Malta Tel +356 2590 6510 Email kpkk@maltadiocese.org